MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru 255/1998

**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Marvin Vassallo**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Marvin Vassallo ta' 19-il sena iben Martin u Josephine nee' Camenzuli mwieled Pieta fit-28 ta' Gunju 1979 u residenti 124 Annunciation Street Tarxien, ID 309179M.**

**Akkuzat talli fl-20 ta' Settembru 1998 u 21 ta' Settembru 1998 u fil-jiem ta' qabel f'Malta f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (ecstacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t–Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu**

**maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.**

**U aktar talli sar ricevid b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 8, liema sentenza saret definittiva fit-13 ta' Novembru 1997**

**Semghet il-provi bil-gurament. Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta ebda evidenza kontra l-imputat. Ghal daqstant hu ser ikun liberat miz-zewg imputazzjonijiet.**

**Il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3(1) ta' l-AL 22/1985, l-Artikoli 40A, 120 A (1) (a), 120 A (2) (b) (ii) tal-Kap 31 kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------